# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A. (HONS) LL.D. – PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 37**

**Citaz. Nru. 629/96FGC**

**Alfred Grech**

**vs**

**Michael Abela**

**Il-Qorti;**

**L-att tac-citazzjoni**

L-attur ipproceda kontra l-konvenut b'dan l-att tac-citazzjoni:-

> "Li huwa ghamel xoghol ta ghamara fuq inkarigu tal-konvenut kif ahjar jirrizulta mill-prospett hawn anness u mmarkat "Dok. BB";
>
> Li l-konvenut ghad fadallu jhallas il-bilanc ta elf u hamsin lira Maltin (LMl,050);
>
> Li meta gie debitament interpellat dan baqa' ma hallasx u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;
>
> Li dan id-dejn huwa likwidu, cert u dovut u, fil-fehma tieghu, l-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet xi jressaq f'dina l-kawza li ghalhekk tista' tigi deciza bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-

Artikolu 167 et seq. tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta' Malta;

**TALAB** li l-konvenut ighid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. Taqta' u tiddeciedi dina l-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-Artikolu 167 et seq. tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta Malta;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta elf u hamsin lira Maltin (LM1,050) bilanc ta hlasijiet ghax-xoghol ta ghamara ezegwit fuq inkarigu tieghu;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-24 ta Novembru, 1995 u bl-imghax fuq l-istess ammont sal-jum tal-pagament effettiv kontra l-konvenut."

**<u>Eccezzjonijiet</u>**

Il-konvenut eccepixxa ghat-talbiet attrici illi l-azzjoni kienet vessatorja u intempestiva peress illi l-istess attur kien qed ikun intransigenti meta fl-istess hin li jammetti li hemm difetti jwieghed li ser jirranga x-xoghol kif ordnat li mhux skond is-sengha u l-arti.

**<u>Decide</u>**

B'sentenza tal-5 ta' Marzu, 1999 il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi filwaqt li cahdet l-eccezzjoni tal-konvenut laqghet it-talba attrici u b'hekk ikkundannat lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf u hamsin lira (Lm1050.00) dovuta kif inghad bl-imghax legali mid-data tas-sentenza. L-ispejjez tal-kawza kellhom jithallsu mill-konvenut.

**Motivazzjoni tas-sentenza appellata**

L-Ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha:-

"L-attur qieghed jitlob li din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut biex ihallsu s-somma ta elf u hamsin lira (LM1050.00) bhala bilanc tal-prezz ta sett ta ghamara lilu mibjugh u konsenjat.

Il-konvenut m'hux qieghed jikkontesta li huwa fadallu jhallas lill-attur din is-somma pero' huwa qieghed ighid li l-azzjoni ta l-attur hija vessatorja u intempestiva ghaliex l-attur kien ammetta li l-ghamara kellha difetti u wieghed li jirranga x-xoghol u, fil-fatt, dan baqa' m'hux skond is-sengha u l-arti.

Jigi notat li l-attur bejgh lill-konvenut set tal-ghamara tal-kamra tas-sodda li kien fabbrikat fl-Italja u, ghalhekk ma kienx il-kaz ta appalt ghall-manufattura ta ghamara u, kwindi, l-artikoli tal-ligi li jirregolaw il-kuntratt ta appalt ma jidhlu assolutament xejn.

Jidher li dak li qieghed jallega l-attur jinkwadra ruhhu f'vizzju redibitorju li jinsab kontemplat fl-**Artikoli 1424 u 1426** tal-Kodici Civili u li, skond l-**Artikolu 1427,** meta dan jissuccedi x-xerrej jista' jaghzel jew li jagixxi bl-azzjoni redibitorja, li tesigi li jaghti lura l-haga u jitlob ir-radd tal-prezz, jew inkella billi jagixxi bl-azzjoni stimatorja li jkun ifisser li jzomm il-haga u jitlob lura dik il-bicca mill-prezz li tigi stabbilita mill-Qorti.

Issa hu car li l-konvenut minflok intenta azzjoni "ad hoc" a bazi ta din il-garanzija ghazel li jqanqal il-kwistjoni f'din il-kawza "per via d'eccezione".

Jinghad li skond il-gurisprudenza tal-Qrati Taghna l-konvenut ma jistax jaghmel dak li ghamel f'din l-istanza. Infatti, gie ripetutament deciz li jekk il-persuna li jkollha favur taghha t-terminu ta dekadenza ma tkunx ezercitat l-azzjoni appozita a bazi tal-garanzija fit-terminu ta dekadenza, allura, dik il-persuna ma tistax teccepixxi d-difett favur taghha. Qalet l-Onorabbli Qorti ta l-Appell fis-sentenza taghha **"Neg. Charles Darmanin noe vs Giuseppe Baldacchino" (Vol. XXX.1.639):**
***"Illi, fuq din il-kwistjoni, kif tajjeb irriteniet l-ewwel Qorti, l-azzjoni redibitorja ghandha generalment tigi ezercitata***

***permezz ta azzjoni, u wara li jkun ghadda z-zmien ta xahar stabbilit mil-ligi, ma tistax tigi moghtija lanqas permezz ta eccezzjoni, peress illi z-zmien ta xahar stabbilit fl-artikolu 1145 (illum 1431) huwa zmien ta dekadenza."***

F'din is-sentenza, kif ukoll f'sentenzi ohra tal-istess Onorabbli Qorti **(Pizzuto vs Refalo, Vol.XX.1.316; Ruggier vs German, XXX.1.377 u Arrigo vs Falzon, Vol. XXX11.1.508)** gie ritenut li dan it-terminu huwa terminu 'di rigore' u intqal ukoll illi l-gurisprudenza, tant lokali kemm estera, qatt ma ddubitat illi fil-kaz ta l-azzjoni redibitorja kontemplata fl-**Artikolu 1145** tal-Kodici Civili, hemm terminu ta dekadenza, u mhux ta preskrizzjoni vera u proprija, ghalkemm il-legislatur juza l-espressjoni ta preskrizzjoni.

F'sentenza, umbaghad, ferm elaborata u studjata tal-Onorabbli Qorti tal-Kummerc **"Emmanuele Camilleri noe vs Anthony Calascione noe" (Vol. XXXV111.11.723)** intqal dan:

*"Meta d-dritt ghall-proposizzjoni tar-redibitorja jew ta l-estimatorja permezz ta azzjoni jkun spicca bid-dekors taz-zmien, la r-redibitorja u lanqas il-"quanti minoris" ma tkun tista' tigi mill-kompratur opposta "in via d'eccezzione", ghaliex in-nota massima "temporalia ad agendum perpetua ad excipiendum" mhux applikabbli in tema ta dekadenza"* ***(ara wkoll App. Civ. Cilia La Corte vs Galea, Vol.XX.1.280; P.A. Farrugia vs Azzopardi, XV1.111.75; Von Hare vs Caruana, Vol. X11.640; Colombo vs Pace, Vol. XV11.111.75; Ragonesi vs Misrahi, Vol. XXV111.111.1023, Colgnhour vs Butler, dec. 10.12.51; u Kum. Brown vs Gelfo, 6.02.36; George Peresso noe vs Victor Calleja noe, dec. 19.06.95).***

Fil-kaz in ezami, il-bejgh sar fil-5 ta Novembru, 1994 u l-konsenja saret fit-30 ta Jannar, 1995. Xi granet wara, l-attur mar ghand il-konvenut biex jarma dan is-set ta ghamara u kien f'din l-okkazjoni li l-attur induna li l-bibien tal-gwardarobba bdew ihokku u li ma setghux jinghalqu sew. Il-konvenut xehed li l-attur qallu li hekk kif jghabbuha bil-kwejjeg il-gwardarobba tirranga ruhha u qallu wkoll li, wara ftit, jerga' jigi biex jaraha. Skond l-istess konvenut, l-attur kien rega' mar jaraha izda, fi kliemu, l-attur **"kien aktar interessat biex jiehu l-kumplament tal-flus milli biex jara dwar il-gwardarobba".**

Jirrizulta li l-konvenut ma agixxiex b'wahda mill-azzjonijiet imsemmija kif kellu kull dritt li jaghmel - dejjem s'intendi jekk

kien jidhirlu li d-"difett" kien wiehed gravi. Minflok li agixxa b'azzjoni, l-konvenut hallas parti sostanzjali mill-prezz, cioe' LM550.00, fl-14 ta Marzu, 1995.

Ghalhekk, il-konvenut m'hux biss ma intavolax kawza entro t-terminu ta xahar talli ghamel pagament iehor meta, skond il-ftehim li dahal ghalih, il-bilanc tal-prezz fis-somma ta LM1850.00 kellu jithallas "sa l-ahhar tal-1995". Dan, fil-fehma tal-Qorti, jikkostitwixxi indikazzjoni cara u konkludenti li l-konvenut ma kienx ghadu interessat fil-garanzija li kienet taghtih il-ligi u, ghalhekk, ma jistax f'din l-istanza jeccepixxi d-difett favur tieghu."

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Din il-Qorti tikkonsidra l-aggravju tal-konvenut appellant illi fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti jidher illi konsidrat il-mertu fuq binarju hazin billi ddecidiet illi l-mertu kien jirrigwarda kuntratt ta' komprovendita' ta' l-ghamara u illi "kwindi l-artikoli tal-ligi li jirregolaw il-kuntratt ta' appalt ma jidhlu assolutament xejn". Konkluzjoni din motivata mill-fatt illi l-appellat xehed illi l-ghamara in kwistjoni kienet importata minn barra u ghalhekk ma kenitx mahduma minnu lokalment. Il-konvenut appellant jissottometti illi l-attur kien marbut bit-talbiet tieghu u dawn bl-ebda mod ma kienu jipprospettaw kuntratt ta' komprovendita. Il-kawzali li fuqhom kienet ibbazata t-talba attrici kienet li l-attur kien ghamel xoghol ta' ghamara fuq inkarigu tal-konvenut u t-talba konsegwenzjali hija kundanna ta' hlas ta' bilanc dovut ghal xoghol ta' ghamara "esegwit fuq inkarigu tieghu". L-attur allura kien qieghed jinvoka l-applikazzjoni tal-ligi li tirregola l-appalt u l-Ewwel Qorti kienet marbuta biex tiddeciedi l-

kawza konformement ma kif kienet imposta l-azzjoni. Jekk jigi koncess ghall-grazzja ta' l-argument illi l-Ewwel Qorti kienet sodisfatta li n-negozju bejn il-kontendenti kien jinvolvi kuntratt ta' komprovendita u mhux ta' appalt, il-konsegwenza kellha tkun li tichad it-talbiet attrici u mhux l-eccezzjonijiet ta' l-appellant.

Jigi qabel xejn premess illi t-talba attrici hija ghall-hlas ta' bilanc dovut ghal servizz prestat mill-attur lill-konvenut ghall-prezz ta' ghamara li giet lilu konsenjata, liema ghamara kien jirrizulta li nhadmet barra minn Malta u li giet immuntata mill-attur fil-mument tal-konsenja.

L-uniku aggravju ta' l-appellant jattakka n-natura ta' l-azzjoni in kwantu hu issa qed jippretendi illi n-negozju kien wiehed ta' komprovendita' u mhux ta' appalt u konsegwentement l-att citazzjoni ma kienx jirrifletti sewwa l-kontrattazzjoni guridika bejn il-kontendenti. Dan l-aggravju pero' kien jissolleva eccezzjoni illi ma inghatatx quddiem l-Ewwel Qorti u illi ma kienx konsentit lill-konvenut appellant li jissollevaha f'dan l-istadju quddiem din il-qorti ta' revizjoni. Inoltre din il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi fl-unika eccezzjoni illi l-konvenut ta ghat-talbiet attrici, hu kien effettivament qed jaqbel ma' l-azzjoni kif impostata mill-attur tant illi jallega illi dan kien ammetta li x-xoghol kien fih difetti u "li wieghed li ser jirranga x-xoghol kif ordnat minnu u li mhux skond is-sengha u l-arti". Effettivament hu provat illi l-oggezzjoni ta' l-appellant ghall-kwalita' ta' xoghol esegwit kienet effettivament tirreferi ghax-xoghol ta'

l-immuntar tas-sett tal-kamra tas-sodda li ghamel l-attur. Infatti, mart l-appellant tixhed:-

> "Kif gab l-ghamara d-dar hu ebda jarmaha u partikolarment il-gwardarobba peress li kien gab l-ghamara zarmata. Meta konna rajnih l-ewwel darba x-xoghol kien armat fix-showroom u f'sitwazzjoni tajba. Kif armaha bdejna bl-inkwiet mill-ewwel tant li fil-presenza ta' hu r-ragel u cioe' Benny Abela, il-bibien tal-gwardarobba bdew ihokku u ma setghux jinghalqu sew."

L-unika eccezzjoni tal-konvenut allura, kienet tikkombacja mat-termini ta' dak l-att tac-citazzjoni u waqt li hu minnu illi d-dicitura tieghu seta' jitqies li kien xi ftit ambivalenti, ma kienx daqstant impossibbli illi t-termini tal-att promotur jigu interpretati biex ikopru ftehim ta' komprovendita kif effettivament irravizat l-Ewwel Qorti. Zgur li ma kien hemm l-ebda dubju jew incertezza bejn il-kontendenti dwar ix-xorta ta' kuntratt li huma dahlu ghalih u dwar il-fatt illi mal-konsenja tas-sett ta' l-ghamara, l-appellant kellu skond il-ftehim jikkompleta l-pagament tal-prezz bonarjament konvenut.

Il-kontendenti jaqblu illi s-sett tal-kamra tas-sodda kien manifatturat l-Italja u jaqblu wkoll li din l-ghamara kellha tigi immuntata Malta fir-residenza ta' l-appellant. Ma kienx hemm dubbju allura illi l-ftehim kien essenzjalment wiehed ta' komprovendita anke jekk kien jinvolvi certu element ta' locatio operis. Kienet allura korretta l-Ewwel Qorti li tikkonsidra li r-relazzjoni kontrattwali bejn il-kontendenti kienet tkun regolata bl-Istitut tal-bejgh ghax dan kien kjarament l-intendiment tal-

partijiet kif espress fil-ftehim milhuq li kien jinkwadra ruhu fl-elementi essenzjali ta' dak il-kuntratt. Ftehim li l-Ewwel Qorti rravizat ukoll fit-termini tal-premessi u talbiet impostati u li dwarhom fil-kors tat-trattazzjoni quddiemha ma kienet qamet l-ebda kontestazzjoni mhux lanqas ghaliex il-fatti kif provati kienu jeskludu kwalunkwe dubbju dwar ix-xorta ta' kuntratt milhuq. Dan hu del resto ammess mill-konvenut.

L-Ewwel Qorti allura gustament applikat il-ligi li tirregola l-komprovendita ghall-fatti in kawza u asserit il-principju illi una volta l-appellant kien qieghed jilmenta mill-kwalita' ta' l-ghamara lilu konsenjata in kwantu kien qed jippretendi li kienet affetta minn xi vizzju redibitorju, hu kien obbligat bil-ligi illi javanza dik il-pretensjoni per via di azione u mhux per via di eccezzione. L-osservazzjonijiet ta' l-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward huma kollha pertenenti u korretti kif hi wkoll utili r-rassenja gurisprudenzjali li ghaliha saret minnha riferenza. L-unika aggravju ta' l-appellant hu allura insostenibbli.

Ghal dawn l-motivi, l-appell tal-konvenut qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

Dep/Reg

cb